## Kif Tilqa' Kontra Ħruġ Elettrostatiku

ATTENZJONI: Skonnettja l-prodott mis-sors tal-provvista tad-dawl tal-prodott, b'konformità ma' l-informazzjoni dwar is-sigurtà speċifika tal-prodott li tinsab fuq it-taqsima "Informazzjoni dwar is-Sigurtà" ta' dan is-sit ta' l-Internet.

Avvenimenti ta' ħruġ elettrostatiku (electrostatic discharge - ESD) jistgħu jagħmlu ħsara lill-komponenti elettroniċi ġol-kompjuter tiegħek. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-ESD jista' jinġema' fuq ġismek jew fuq oġġett, bħal tagħmir periferali, u mbagħad joħroġ ġo oġġett ieħor, bħal kompjuter tiegħek. Biex tevita ħsara kkawżata mill-ESD, għandek teħles mill-elettriċità statika minn ġo ġismek qabel ma tmiss ma' xi wieħed mill-komponenti elettroniċi interni tal-kompjuter tiegħek, bħal modulu tal-memorja.

Tista' tipproteġi kontra l-ESD u teħles mill-elettriċità statika li jkun hemm f'ġismek, billi tmiss oġġett tal-metall li jkun ertjat (bħal wiċċ tal-metall li ma jkunx miżbugħ fuq
il-pannell I/O tal-kompjuter tiegħek) qabel ma tmiss ma' kwalunkwe ħaġa li hi elettronika. Meta tikkonnettja tagħmir periferali (inklużi handheld digital assistants) mal-kompjuter tiegħek, għandek dejjem tertja kemm lilek innifsek kif ukoll lit-tagħmir periferali qabel ma tikkonnettjah mal-kompjuter. Flimkien ma' dan, hekk kif tkun qed taħdem ġol-kompjuter, miss perjodikament oġġett tal-metall li jkun ertjat biex tneħħi kwalunkwe ċarg statiku li ġismek jista' jkun li akkumula.

Tista' wkoll tieħu l-prekawzjonijiet li ġejjin biex tevita ħsara minn ħruġ elettrostatiku:

- Meta tkun qed tiftaħ komponent sensittiv għall-elettriċità statika minn ġol-kaxxa tal-kartun tiegħu, tneħħix il-komponent mill-materjal ta' l-ippakkjar antistatiku sakemm tkun lest/a biex tinstalla l-komponent. Dritt qabel ma tiftaħ il-pakkett antistatiku, aċċerta ruħek li teħles mill-elettriċità statika minn ġo ġismek.

- Meta tkun qed iġġorr komponent sensittiv, l-ewwel poġġih f'kontenitur jew ġo ippakkjar antistatiku.

- Immaniġġja l-komponenti sensittivi elettrostatiċi kollha f'żona li hi static-safe. Jekk ikun possibbli, uża antistatic floor pads u work bench pads.